

Brussell, 24 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14722/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0330(NLE)**

**TRANS 705
COWEB 159
ELARG 101**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13698/22 + ADD 1
Nru dok. Cion:	COM(2022) 537 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward ta' ċerti tibdiliet għal regoli amministrattivi u tal-persunal, tal-introduzzjoni ta' benefiċċju għall-edukazzjoni u ta' regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment – Adozzjoni

1. Fl-21 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, bl-għan li jiġu stabbiliti regoli ġodda fil-qasam tar-riżorsi umani.
2. It-tibdiliet previsti jikkonċernaw regoli bażiċi dwar il-permess għat-telexogħol fuq bażi eċċezzjonali, l-introduzzjoni ta' benefiċċju tal-edukazzjoni għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti, kif ukoll regoli dwar l-esperti nazzjonali sekondati u dwar l-użu tas-servizz ta' esperti kkuntrattati lokalment.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks iddiskuta l-proposta fit-28 ta' Ottubru 2022. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni rrefera għal diskussjonijiet preċedenti dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit benefiċċju tal-edukazzjoni għall-persunal tal-Komunità tat-Trasport. Dan kien importanti biex is-Segretarjat Permanenti jsir post tax-xogħol attraenti għall-irġiel u n-nisa kemm mir-reġjun kif ukoll mill-Istati Membri tal-UE.

L-impatt finanzjarju kien diġà tqies fil-baġit għall-2023. Rigward ir-regoli dwar l-issekondar, dawk għandhom jgħinu fl-iżvilupp tal-kapaċità amministrattiva. Ir-regoli dwar l-esperti kkuntrattati lokalment għandhom jgħinu fl-identifikazzjoni tar-riżorsi f'każ ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ. Fl-aħħar nett, in-nuqqas ta' regoli dwar it-telexogħol kien sar evidenti matul il-kriżi tal-COVID-19. Bi tweġiba għal mistoqsija minn delegazzjoni rigward il-kalkolu tal-livelli tal-benefiċċju tal-edukazzjoni u l-benefiċċju għas-sussistenza għal kull jum tal-esperti ssekondati, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni bil-miktub. Fil-laqgħa tat-8 ta' Novembru 2022, il-Presidenza kkonkludiet li l-eżami fil-livell tekniku kien tlesta. L-adozzjoni tar-regoli l-ġodda hija ppjanata għal-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali fil-15 ta' Diċembru 2022.

4. Fid-dawl ta' dan, huwa ssuġġerit, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, li l-Kunsill jiddeċiedi dwar il-pożizzjoni tal-UE kif tinsab, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument ST 14460/22 + ADD 1.
5. Ladarba tiġi addottata, id-deċiżjoni tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali u l-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwarha.
